# familja

Ħarġa Numru 8 • EDIZZJONI ONLINE • Frar 2020

MINISTERU GĦALL-FAMILJA
DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI



*familja.media@gov.mt*

## Rivista 'Familja'

hi proġett tal-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

'Familja' toħroġ online kif ukoll stampata, maħsuba u indirizzata għall-pubbliku bħala l-vuċi uffiċjali ta' dan il-Ministeru. Din ir-rivista titqassam mingħajr ħlas.

Jekk jogħġbok tikkontribwixxi b'xi kitba, twassal proposti jew xi suġġerimenti, inkella għaddejt minn xi esperjenza li tixtieq taqsam magħna, nistiednuk tiktbilna fuq l-imejl: familja.media@gov.mt

Biex tirċievi r-rivista 'Familja' tista' tiktbilna fl-indirizz elettroniku jew bil-posta:
Tonio Bonello,
MFCS Uffiċċju tal-Komunikazzjoni,
Operations Directorate,
Nru 38 Triq l-Ordinanza,
Il-Belt Valletta.

Il-kontenut f'kull ħarġa ta' 'Familja' mhux neċessarjament jirrifletti l-opinjoni Editorjali.

**Tonio Bonello**
Editur

'Familja' qed tasal għandkom grazzi għall-kontributuri professjonali, volontarji u kollegi oħra li jaħdmu magħna. Dan bl-għan li l-impenn fl-istruttura korporattiva ta' din l-entità jkompli jissaħħaħ fl-interess tas-soċjetà.

Tista' taċċessa edizzjonijiet passati fuq:
**https://family.gov.mt/en/Pages/FamiljaMagazine.aspx**

# Ħajr lill-kontributuri


**04** **Is-Sur Tonio Bonello**
Editur

**05** **Is-Sur Mark Musù**
Segretarju Permanenti fil-Ministeru MFCS

**07** **Is-Sur Peter Miceli Saydon**
Prinċipal

**08** **Is-Sa Marvic Cordina**
Prinċipal

**10** **Is-Sur Mario Camilleri**
Events Coordinator

**11** **Is-Sur Peter Miceli Saydon**
Prinċipal

**11** **Is-Sur Archibald Attard**
Officer in Scale 10

**12** **Is-Sur Mario Camilleri**
Events Coordinator

**14** **Is-Sur Robert u s-Sa Roberta Archer**
Vegan Prism

**15** **Is-Sur Peter Miceli Saydon**
Prinċipal

**16** **Is-Sur Tonio Bonello**
Ġurnalista

**18** **Zen D'Amato Gautam**


**Is-Sur Godwin Borg**
Muntaġġ u Grafika




**Agħti d-demm**
**illum**
**Għada jista' jkun tard**

**2206 6201**

**GRAZZI**

# Editorjal

**Tonio Bonello**
Editur

## Ir-rivisti 'Solid' u 'Familja' jsiru ħaġa waħda

Merħba. Ftit ġimgħat ilu biss bdejna sena ġdida. Illum, permezz ta' din ir-rivista on-line qed nagħtu bidu wkoll għal era ġdida f'dak li hu l-qasam tal-pubblikazzjonijiet tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

Familja on-line qed tkun imnedija wara li r-rivista 'Solid' u dik 'Familja' ingħaqdu ħaġa waħda biex saru taħt l-istess branding ta' 'Familja'. Ir-rivista se tkun qed toħroġ sitt darbiet f'sena, jiġifieri kull xahrejn bil-verżjoni on-line u dik stampata jalternaw bejniethom. Il-verżjoni on-line se tkun qed toħroġ fi Frar, f'Ġunju u f'Ottubru bl-aċċenn ikun biex tindirizza l-impjegati tagħna.

familja
SOLiD arity

Il-kontenut primarjament se jkun jinkludi attivitajiet ministerjali interni, qari soċjali u kulturali fosthom dwar safar, tisjir u inizjattivi interni waqt li ma jonqosx l-indirizz tas-Segretarju Permanenti fost oħrajn.

Il-verżjoni stampata li se tkun disponibbli wkoll on-line se tkun qed toħroġ f'April, f'Awwissu u f'Diċembru bl-aċċenn ikun biex tindirizza l-pubbliku minn dimensjoni korporattiva. Dan ifisser li l-kontenut se jkun qed jirrifletti ħidmet il-Ministeru mill-entitajiet stess li huma inkorporati fih, flimkien ma' artikli oħra ta' natura soċjali u kulturali bl-għan li jkun hemm dak il-bilanċ tant meħtieġ biex rivista tkun mexxejja u interessanti fl-istess ħin.

Din il-bidla ma saritx mil-lum għal għada kif lanqas ma saret minn bniedem wieħed. Reċentament, is-Sur Anton Cesare, Direttur Operations ħa l-inizjattiva biex sar sotto-kumitat taħt it-tmexxija tas-Sa Joanne Zarb, Assistent Direttur bl-għan li l-materjal ta' kull rivista jkun jista' jiġi diskuss u bl-iskop li nisimgħu lil xulxin f'dawk li huma suġġerimenti u proposti ġodda bl-għan li fejn nistgħu, inkomplu ntejbu fuq dak li diġà jeżisti.

Mertu ta' din il-bidla u dan is-sens ta' appoġġ u kollaborazzjoni jmur lejn kull min kien involut sa mill-ewwel stadji ta' din it-trasformazzjoni. Fost dawn, ħajr lis-Sur Mark Musù, is-Segretarju Permanenti, is-Sur Anton Cesare, Direttur Operations, is-Sa Joanne Zarb, l-Assistent Direttur, u l-kollegi sinjuri Peter Miceli Saydon u Archibald Attard li kkoperaw ħafna f'dan il-proċess. Ħajr ukoll lis-Sur Grazio Barbara, id-Direttur Ġenerali li qed jagħmel il-qari tal-provi ta' Familja on-line, kif ukoll lis-Sur Godwin Borg li qed jieħu ħsieb il-grafika.

Mhix iżda x-xewqa tagħna li nieqfu hawn. Fuq in-naħa l-oħra hemm intkom il-qarrejja ta' 'Familja' – l-impjegati kollha tagħna u l-pubbliku Malti u Għawdxi. Aħna nemmnu li dak li taħsbu intkom għandu relevanza.

Fid-dawl ta' dan nieħu l-okkażjoni biex f'isem kull min hu involut f'din ir-rivista nagħmel stedina lilkom biex tibdew iżżommu kuntatt magħna u tibagħtu l-kummenti u l-opinjonijiet tagħkom fl-indirizz elettroniku: **familja.media@gov.mt**

Waqt li nittama li ssibu 'Familja' ta' interess, ikun pjaċir tagħna nisimgħu dak li għandkom x'tgħidulna intkom ukoll.

# Tiġdid u sfidi fir-Raba' Rivoluzzjoni Industrijali

**Mark Musù**

Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali



Fil-milja tas-snin il-bniedem fittex li joħloq u jiżviluppa għodod, makkinarju u teknoloġiji biex jimxi 'l quddiem ekonomikament u soċjalment u jgħix aktar komdu. Dan l-għatx għall-avvanz u l-progress nissel bidliet kbar li kebbsu u sawru r-rivoluzzjonijiet industrijali li seħħew fid-dinja mis-seklu tmintax 'l hawn. Huwa proċess li flimkien mat-tiġdid iġib taqlib profond soċjali, kulturali u ekonomiku.

L-ewwel rivoluzzjoni feġġet fl-1760 fl-Ingilterra u nfirxet fl-Ewropa u l-Amerka. Kien perjodu li ra l-ħolqien ta' makkinarju li ttrasforma s-soċjetà minn waħda agrikola u artiġjanali għal waħda b'bixra industrijali. Mill-kampanja n-nies imxiet lejn l-ibliet tfittex xogħol fil-fabbriki li bdew jinfetħu u ttejjeb l-għajxien tagħha. L-invenzjoni tal-magna li taħdem bl-istim kompliet tagħti spinta lill-industrijalizzazzjoni u wasslet għall-invenzjoni tal-ferrovija u l-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda biex in-nies timrah aktar biex tfittex ix-xogħol.

It-tieni rivoluzzjoni industrijali bdiet lejn l-aħħar snin tas-seklu dsatax. Tulha nibtu bidliet radikali permezz ta' teknologiji ġodda u bl-iżvilupp ta' għejjun ta' enerġija bħall-elettriku, il-gass u ż-żejt. Dawn komplew ikabbru l-firxa industrijali bil-ftuħ ta' fabbriki akbar biex jipproduċu prodotti ta' l-istess xorta fi kwantitajiet kbar. L-invenzjoni tat-telegrafija, tat-telefon, tal-karozza u l-ajruplan għamlu l-ħajja aktar mgħaġġla u d-distanzi iqsar. Minħabba l-effetti u l-ġid li ħallew dawn l-invenzjonijiet u żviluppi sal-lum il-ġurnata l-istoriċi għadhom iqisu t-tieni rivoluzzjoni industrijali bħala l-aktar waħda li ħalliet impatt fid-dinja.

It-tielet rivoluzzjoni li seħħet fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin kienet waħda aktar diġitali milli industrijali u kienet mifruxa mad-dinja kollha. Kienet karatterizzata mill-iżviluppi fit-teknoloġija elettronika u fit-telekomunikazzjoni, permezz tal-kompjuter u l-internet, bl-użu tal-enerġija nukleari u bil-bijoteknoloġija.

Illum ninsabu f'nofs ir-raba' rivoluzzjoni industrijali li feġġet maż-żerniq tat-tielet millenju. Din ġabet magħha realtajiet soċjo-ekonomiċi ġodda u teknoloġiji avvanzati bħal dik tal-intelliġenza artifiċjali, tar-robotika, tal-użu tal-internet fit-tħaddim ta' oġġetti ta' kuljum magħrufa bħala *The Internet of Things* u t-tħaddim u twassil, b'mod aktar effiċjenti u rħas, ta' servizzi kompjuterizzati permezz ta' *cloud computing* fuq l-internet.

Fejn ser twassal din ir-rivoluzzjoni u kif ser jintlaqat il-bniedem b'dawn it-teknoloġiji?




Fil-ktieb tiegħu, *The Fourth Industrial Revolution,* il-Professur Klaus Schwab isostni li din ir-rivoluzzjoni ser tibdel mill-għeruq il-mod kif ngħixu, naħdmu u naġixxu ma' xulxin. Fl-opinjoni tiegħu filwaqt li r-rivoluzzjonijiet ta' qabilha kienu kruċjali biex ħelsu

*ikompli fil-paġna li jmiss*

*ikompli mill-paġna ta' qabel*

l-bniedem mid-dipendenza fuq l-użu tal-bhejjem fil-ħajja ta' kuljum, għamlu possibbli l-produzzjoni ta' oġġetti fi kwantitajiet kbar u wasslu t-teknoloġija diġitali lill-biljuni ta' nies, it-tiġdid u l-isfidi tal-innovazzjonijiet tar-raba' rivoluzzjoni jista' jkunu ta' periklu daqskemm ta' ġid. Ser ikunu ta' benefiċċju sinifikanti fin-negozju u fl-industrija u ser ikattru l-produttività u t-tkabbir ekonomiku. Ser jinħolqu niċeċ ġodda ta' xogħol u negozji li fihom iktar xogħol isir onlajn u f'ambjent mhux ta' uffiċċju minn ħaddiema li jistgħu jkunu jaħdmu għal rashom.



Iżda l-esperti u r-riċerkaturi jbassru li ser jinħolqu realtajiet ġodda fid-dinja tax-xogħol fejn l-użu ta' tagħmir u magni awtomatiċi ser jolqot l-impjieg f'ċerti setturi u jwassal għal tibdil f'għadd akbar ta' impjiegi f'setturi oħra. Riċerka li tmexxiet minn McKinsey Global Institute f'46 pajjiż sabet li terz tal-ħidma f'60 fil-mija tal-impjiegi fid-dinja jistgħu jiġu awtomatizzati u b'riżultat ta' hekk stmat li sal-2030 madwar 30 fil-mija tas-sigħat ta' xogħol fid-dinja jistgħu jispiċċaw awtomatizzati. Dan il-kambjament ikun ivarja minn pajjiż għall-ieħor, b'pajjiżi aktar avvanzati ekonomikament ikunu milquta aktar.

L-impatt ikun ivarja skont it-tip ta' impjieg, imma l-aktar fejn il-ġeneru ta' ħidma jkun ta' rutina u repetittiv. Għalhekk għadd kbir ta' ħaddiema ser ikollhom jitħarrġu f'ħiliet differenti sabiex isibu impjieg ieħor jew biex jidħlu għal dmirijiet ġodda mal-istess ażjenda li magħha jkunu jaħdmu.

Fl-analiżi tagħhom tat-tagħrif miġbur ir-riċerkaturi sabu li mhux neċessarjament tinħoloq sitwazzjoni fejn jiżdied il-qgħad għaliex id-domanda għax-xogħol u l-ħaddiema jista' joktor bit-tkabbir fl-ekonomiji u bil-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol ġodda li l-progress teknoloġiku jista' joħloq. B'hekk anke dawk li jkunu tilfu l-post tax-xogħol ikollhom l-opportunità li jsibu mpjieg alternattiv.

Fir-rapport tagħhom, bl-isem ta' *Jobs lost, jobs gained,* ir-riċerkaturi sostnew li biex dan iseħħ ażjendi u gvernijiet madwar id-dinja jridu jaħtfu kull opportunità biex jagħtu spinta lill-ħolqien tax-xogħol u biex is-swieq tax-xogħol jaħdmu b'effiċjenza. Huma stmaw li f'xenarju fejn il-qalba għall-awtomizzazzjoni taqbad ritmu mgħaġġel fis-snin li ġejjin sa 275 miljun ħaddiem madwar id-dinja ser ikollhom jitgħallmu ħiliet ġodda u jidħlu f'impjiegi differenti. Iżda jekk il-qalba għall-impjiegi ġodda ser tkun waħda kajmana jista' jiżdied il-qgħad.

F'dan il-kuntest, Malta qed iżżomm ruħha aġġornata biex tadatta għal dawn ir-realtajiet ġodda billi tingħata importanza lit-tagħlim fis-suġġetti relatati mal-informatika u biex il-ħiliet tal-ħaddiema jkunu jaqblu mal-ħtiġiet tax-xogħol fil-pajjiż.

It-tibdiliet li qed iseħħu u l-isfidi għall-ġejjieni, primarjament l-impatt tal-intelliġenza artifiċjali fuq l-impjiegi tal-lum u t'għada ġew diskussi minn esponenti tal-Gvern u l-imsieħba soċjali f'konferenza nazzjonali dwar il-futur tax-xogħol li saret is-sena l-oħra.

Il-konferenza kienet indirizzata wkoll mill-President George Vella li saħaq li d-dinja tal-lum mhix ser tkun id-dinja ta' għada. Huwa għaraf li l-industrija u l-opportunajiet ta' xogħol jinsabu dejjem fi tranżizzjoni u l-ħaddiema, bid-differenza mill-ħaddiem tal-imgħoddi irid iżomm ruħu aġġornat u mħarreġ kontinwament matul il-karriera tax-xogħol tiegħu.

Għalhekk l-appell tiegħi lill-ħaddiema huwa biex kontinwament jibqgħu jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom permezz ta' taħriġ f'oqsma varji u oħrajn emerġenti għax tali ħiliet diversi se jkunu meħtieġa fis-snin li ġejjin.




# Team Building

Il-membri tal-istaff tad-Directorate (Operations) fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali ħadu sehem f'sessjoni ta' team building nhar il-Ġimgħa 7 ta' Frar 2020 ġewwa l-Buskett.

Il-ġurnata kienet tikkonsisti f'sessjoni ta' tagħrif dwar teambuilding innifsu mogħtija abbilment mis-Sur Raymond Dimech, membru mill-istess staff.



Wara waqfa qasira, saret taħdita mogħtija mis-Sa Marica Lewis dwar it-tipi ta' fungi li jinstabu fil-Buskett segwita minn mixja ta' għarfien tal-istess speċi u ta' speċi oħra.

Wara l-istaff inqasam f'4 gruppi u saret treasure hunt madwar il-ġonna tal-Buskett.

Kien hemm ukoll is-Sur Neville John Ebejer, espert dwar il-post li ta ħafna tagħrif kemm storiku kif ukoll dwar in-natura li ssib f'dan il-post.

L-attività spiċċat billi kulħadd kiel xi ħaġa flimkien.

Ħajr lis-Sur Anton Cesare, lis-Sa Joanne Zarb, lis-Sur Mario Camilleri, lis-Sa Marica Lewis u lis-Sur Neville John Ebejer.

Meta ra s-suċċess ta' din il-ġurnata, id-Direttur, is-Sur Anton Cesare, wiegħed li din l-attività tibda ssir aktar spiss, almenu darba fis-sena.

*Il-parteċipanti waqt l-attività*

# Getting off the Beaten Track with MARVIC

**Marvic Cordina DTTC**
Boutique Travel Specialist

## BOLIVIAN ALTIPLANO

The Altiplano or Andean Plateau, in west-central South America, is the area where the Andes are the widest. It is the most extensive area of high plateau on Earth outside Tibet. The bulk of the Altiplano lies in Bolivia.

### Salar de Uyuni

The crown jewel of the Altiplano, the Uyuni Salt Flats are the favoured playground for all who venture this far. The endless horizons of blinding white salt are unearthly and make for fantastic photographic plays. Whether you visit at dry season when the crumbling ground cracks under your feet, or during the wet season, when the plains serve up a mesmerizing mirror-like effect, the visual spectacle is unrivalled.

*Eduardo Avaroa*



Driving on the Salt Flats is great fun and aside from the entertaining modelling shoots, you can visit the fascinating Salt Hotel – made entirely of salt bricks – or the many cactus-topped islets propped up in the most unlikely of places. You can spend days just exploring the furthest reaches of these gargantuan salty plains.

### Reserva de Fauna Andina Eduardo Avaroa

Covering an area of more than 7000 square km, the Eduardo Avaroa Andean Fauna National Reserve is the most famous and visited protected reserve in Bolivia and the area you will spend of your time travelling through as you cross the Altiplano.

With its stark, otherworldly beauty and mineral-rich landscapes, this section of the Altiplano throws up an overwhelming array of colours, with ancient salt lakes tinted in various shades of red and green. Snow-capped peaks will frame the way through the high-altitude deserts that have inspired artists since ancient times. On a clear day, this section of the Bolivian Altiplano may well seem the most picturesque place you have ever seen.

Some of the endemic creatures in the region include Andean condors, vicunas, viscachas and Andean foxes, yet the wildlife highlight of the Altiplano would have to be the flamingo. All three flamingo species that live in South America are seen right here, including the rare James flamingo.

### Laguna Colorada, Laguna Verde & Laguna Blanca

Just north of the border with Chile is where you will drive past the most famous coloured lagoons on the Altiplano. Framed by ancient volcanoes and displaying colours and wildlife galore the lagoons, surrounding geysers, and thermal pools are the most vibrantly coloured highlights of the Avaroa Reserve.



*ikompli fil-paġna li jmiss*




*Salar de Uyuni*

## Sol the Manana

The Morning Sun is a glorious volcanic field on the northwestern border of the Avaroa Reserve, where you will see steaming pools and lakes of geothermally heated mud. The unique aspect of these thermal mud pools is that you are able to walk right among them, closer than you ever could if they were anywhere else.

The Bolivian Altiplano is an ethereal world of colours and contours, of dramatic scenery and rugged horizons, of hardy wildlife and out of this world sunsets. This is the Bolivian Outback: that remote corner of the country that is difficult to reach but totally impossible to forget.

The natural wonders, out here, are simply breathtaking!

traville

As a Boutique Travel Specialist, I specialize in personalized itineraries and private small groups to destinations across Asia, Latin America, Southern Africa and Eastern Africa. For more details, you can contact me at:

**marvic.cordina@traville.net**

Marvic Cordina DTTC
Boutique Travel Specialist

# Meta fil-Karnival mietu 110 subien

Fl-isfond tal-kostumi, kuluri u xalar, l-istoriku Dorian Baldacchino jeħodna lura għall-karnival tal-1823 li sfortunatament kienu mietu 110 subien bejn it-tmienja u 15-il sena f'inċident sfortunat.

Biex jagħti sfond tal-inċident, l-istoriku Baldacchino jfakkar li fis-seklu 19 il-Belt u l-irħula ta' madwar il-portijiet tal-Kottonera kienu dominati mill-faqar.

Ma' Newsbook.com.mt l-istoriku Dorian Baldacchino spjega li minħabba li dak iż-żmien il-karnival beda jillaxka, biex il-Knisja tbiegħed lit-tfal mit-tbaħrid tal-karnival, bdiet tqassam ikel u frott lit-tfal foqra matul it-tlett ijiem tal-karnival.

Ġara li fl-aħħar jum tal-Karnival, 11 ta' Frar, 1823 wara li t-tfal marru l-Quddiesa fil-Knisja tal-Furjana, it-tfal marru f'purċissjoni għall-Knisja ta' Ġieżu, minn fejn kienu jiġbru l-ħobż.

Jispjega li l-Quddiesa kienet damet aktar mis-soltu b'konsegwenza li t-tfal waslu siegħa tard għall-ħabta tas-6.30pm.



Dan wassal biex laħaq dalam u l-attivitajiet tal-Karnival ġew fit-tmiemhom u ħdejn il-Kunvent laħqu nġemgħu l-ġenituri u nies oħra.

Kif it-tfal bdew deħlin fil-Kunvent minn bieb żgħir tas-sagristija daħlu magħhom xi rġiel u tfal oħra bil-għan li jieħdu l-ħobż b'xejn ukoll.

Konsegwenza t'hekk il-folla fil-kunvent kienet aktar milli mistennija u nħolqot konfużjoni.

Hekk kif daħlu t-tfal, il-bieb tas-sagristija ngħalaq biex żgur ma jkunx hemm tfal li jerġgħu jidħlu biex jieħdu aktar ħobż milli jmisshom iżda ħadd ma kien induna li mal-grupp oriġinali kienu żdiedu xi tfal jew irġiel oħra.

Dorian Baldacchino jispjega li man-nuqqas taż-żamma mal-ħin kien hemm żewġ problemi oħra: il-lampa ta' mal-ħajt kienet mitfija u l-bieb li minnu joħorġu t-tfal, minn Triq Sant' Ursola, kien miftuħ fuq bieba waħda.

Dan wassal biex inħolqot konfużjoni bit-tfal mexjin mingħajr ma jafu fejn sejrin.

Ġara li kien hemm tmien tarġiet u t-tfal ma rawhomx u waqgħu f'xulxin.

Bil-ġenn u l-konfużjoni, in-nies aktar bdew jissaraw u jimbottaw biex jipprovaw joħorġu iżda ma setgħux għax l-entratura kienet imblukata bit-tfal stess u l-bieb ma setax jinfetaħ.

Dan l-avveniment kien ġab korla kbira fost in-nies, b'mod partikolari għat-tmexxija Ingliża li min-naħa tagħha kienet ordnat inkjesta.

L-inkjesta kienet uriet biċ-ċar li t-tfal mietu minħabba diversi żbalji li saru iżda ma ngħatax tort la lill-patrijiet u lanqas lill-voluntiera li bdew iqassmu l-ħobż. Għaldaqstant ħadd ma ġie akkużat għall-mewt tat-tfal.

L-istoriku Dorian Baldacchino temm jgħid li dan il-każ kien ġie rappurtat anke f'ġurnali barranin fosthom it-Times ta' Londra.

*Il-kuritur bit-tarġ fejn ġara l-inċident*

# Peter's Kitchen



## Orange Chip Cake

100 grams butter or margarine
100 grams sugar
125 grams self-raising flour
2 eggs
1 tablespoon orange juice
1 dessertspoon grated orange peel
75 grams chocolate
50 grams walnuts

Grate the 25 grams of the chocolate on the fine shredder and the other 50 grams coarsely with the coarsely shredded nuts, keeping the finely shredded chocolate for decorating the top.

Warm the butter and the bowl. Place the butter, the sugar and the grated peel in the bowl and cream on minimum speed, increasing as the ingredients become combined.

When very white and fluffy, break in the eggs, one at a time, beating each thoroughly until mixture is fluffy.

Reduce to minimum speed and tip in the sifted flour, juice, chocolate and nuts.

Bake in an 18-centimetre sandwich tin for 25 minutes in a moderate oven (190˚C).

# For your info ...

| Balance of Sales<br>Christmas Sale held at the Ministry Entrance<br>between the 4th and the 6th December 2019 | | |
|---|---|---|
| Sales done during the three days | | €1062.00 |
| Donations | | €21.00 |
| **Total Income** | | **€1083.00** |
| | | |
| Plastic Bags / Lottery Tickets | €2.80 | |
| Chocolate Boxes | €248.62 | |
| Hamper (Camilleri) | €35.00 | |
| Gift Boxes to Volunteers | €19.90 | |
| Pastries (Honey Rings, Mince Pies, etc) | €89.40 | |
| **Total Expenses** | **€395.72** | |
| | | |
| **Income Profit** | | **€687.28** |




# Il-Karnival ta' Malta 2020 fil-Belt Valletta, il-Floriana u l-Ħamrun

**Il-Ġimgħa 21 ta' Frar, 2020**
Pjazza San Ġorġ, Triq ir-Repubblika
4.00pm – 8.30pm
€5 Bronze / €7 Silver / €8 Gold Tickets

Programm fi Pjazza San Ġorġ bi żfin kompetittiv u sfilata bil-parteċipazzjoni tar-Re tal-Karnival, Maskeruni, u Karrijiet tal-Karnival.

**Is-Sibt 22 ta' Frar 2020**
Pjazza San Ġorġ sa Triq ir-Repubblika
9.30am – 11.55am
€5 Bronze / €7 Silver / € 8 Gold Tickets

Il-Karnival tat-Tfal fi Pjazza San Ġorġ bil-parteċipazzjoni ta' żfin minn skejjel privati taż-żfin, Kumpaniji Ċ u sfilata bil-parteċipazzjoni tar-Re tal-Karnival u Karrijiet Trijonfali. L-attività tispiċċa għall-ħabta tal-11.55am fi Pjazza San Ġorġ. Titkompla sfilata tul Triq ir-Repubblika.

**Is-Sibt 22 ta' Frar 2020**
Pjazza San Ġorġ
3 pm 'il quddiem
€10 Bronze / €12 Silver / €15 Gold Tickets

Programm fi Pjazza San Ġorġ bil-parteċipazzjoni tal-kumpaniji taż-żfin, Karrijiet Trijonfali u karrijiet oħra. L-attività fi Pjazza San Ġorġ tispiċċa fis-7.30 pm però titkompla sfilata tul Triq ir-Repubblika sa tard filgħaxija.

**Il-Ħadd 23 ta' Frar, 2020**
9.30am 'il quddiem
Ħamrun Carnival Parade

Parata tal-Karnival tul Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun bil-parteċipazzjoni ta' kumpaniji taż-żfin tal-Karnival, karrijiet u l-baned lokali.

**Il-Ħadd 23 ta' Frar, 2020**
Toroq Prinċipali tal-Belt Valletta
12.30pm

Defilé bil-karrijiet u l-gruppi tal-karnival li tibda minn fuq il-Fosos, Triq l-Assedju il-Kbir il-Floriana u titla' minn Triq Ġlormu Cassar għall-Pjazza Kastilja, Triq il-Merkanti, Triq l-Arċisqof, Triq ir-Repubblika, sa Misraħ il-Ħelsien.

**Il-Ħadd 23 ta' Frar, 2020**
Pjazza San Ġorġ
2.00pm – 7.30pm
€12 Bronze / €15 Silver / €18 Gold Tickets

Programm fi Pjazza San Ġorġ bil-parteċipazzjoni tal-kumpaniji taż-żfin u sfilata bil-parteċipazzjoni tar-Re tal-Karnival, Karrijiet Trijonfali u karrijiet oħra. Ikun hemm ukoll Live Band.

Id-defilé tkompli tul Triq ir-Repubblika.

*Is-Sibt u l-Ħadd wara nofsinhar ikun hemm rappreżentazzjonijiet tal-Qarċilla fi Triq San Ġwann, il-Belt Valletta.*


*ikompli fil-paġna li jmiss*



**It-Tnejn 24 ta' Frar, 2020**
Pjazza San Ġorġ
10am – 1pm

Tibda esebizzjoni ta' żfin fi Pjazza San Ġorġ segwita b'parata minn diversi skejjel u gruppi taż-żfin tul Triq ir-Repubblika.

**It-Tnejn 24 ta' Frar, 2020**
Pjazza Kastilja, Triq il-Merkanti, Pjazza San Ġorġ, Triq ir-Repubblika
4.00pm – 9pm
€7 Bronze / €8 Silver / €10 Gold Tickets

Programm ta' żfin kompetittiv u esebizzjoni tal-kostumi flimkien mal-isfilata l-kbira tal-Karnival fi Pjazza San Ġorġ, Il-Belt Valletta.

**It-Tlieta 25 ta' Frar, 2020**
Pjazza San Ġorġ
10am – 1pm

Tibda esebizzjoni ta' żfin fi Pjazza San Gorg segwita b'parata minn diversi skejjel u gruppi taż-żfin tul Triq ir-Repubblika.

**It-Tlieta 25 ta' Frar,2020**
Pjazza San Ġorġ
6.00pm – 8.30pm
€5 Bronze / €7 Silver / €8 Gold Tickets

Programm fi Pjazza San Ġorġ bil-parteċipazzjoni tal-kumpaniji taż-żfin, il-karru tar-Re tal-Karnival segwit bil-karrijiet tal-kumpaniji. Il-membri tal-Kumpaniji taż-żfin ikomplu jallegraw Triq ir-Repubblika tul is-serata kollha.

**It-Tlieta 25 ta' Frar. 2020**
6pm 'il quddiem
Il-Gran Finale, Floriana

Esebizzjoni ta' karrijiet tal-karnival tul Triq Sant' Anna, Floriana flimkien ma' diversi items oħra karnivaleski li jġibu fi tmiemhom l-attivitajiet tal-Karnival tax-Xitwa 2020

*Biljetti għas-seats ta' Pjazza San Ġorġ jistgħu jinxtraw minn:*

***https:// www. kultura.mt***

# Lentil Patties



Nutty and earthy in flavour, lentils have a high nutritional value that anyone can benefit from by incorporating this healthy legume into their diet. Of all legumes and nuts, lentils contain the third-highest levels of protein (26 percent of lentil's calories are attributed to protein). It makes them a wonderful source of protein for vegetarians and vegans. They are also a good source of dietary fibre, which play an important role in lowering cholesterol and preventing heart disease, and are loaded with essential nutrients (including folate, vitamin B6, phosphorus, iron and zinc, among others).

### Ingredients for the Red Lentil Patties:

- 1 large onion, chopped
- 1 tablespoon olive oil
- 4–5 large carrots, sliced
- 1 cup (200g) split red lentils, thoroughly rinsed
- 2 cups (480 ml) water
- 1 cup (90g) gluten-free old-fashioned rolled oats, divided
- 2 cloves garlic, crushed
- 1 tablespoon fresh lemon juice
- 1 tablespoon olive oil
- 1 tablespoon paprika
- 1 teaspoon ground cumin
- 1 pinch of salt, to taste
- Freshly ground black pepper, to taste
- 1/3 cup (15g) chopped fresh chives
- 1/4 cup (15g) chopped fresh cilantro

### Ingredients for the Garlic-Herb Tahini Sauce:

- 1/3 (15g) cup tahini
- 2 1/2 tablespoons fresh lemon juice
- 1 tablespoon apple cider vinegar
- 2 tablespoons water, or more if needed
- 1/4 cup (15g) fresh cilantro
- 1/4 cup (15g) fresh parsley
- 2 cloves garlic, crushed
- 1 pinch of salt
- Freshly ground black pepper

## Instructions

1. In a medium saucepan, heat one tablespoon of olive oil and melt the chopped onions until slightly golden. Add the carrots, cover with water, and cook until fork-tender. Strain carrots and onions and set aside.

2. Meanwhile, cover the lentils with two cups water and cook until tender, about 20-25 minutes. If needed, add more water to keep the lentils submerged. Set aside.

3. Preheat the oven to 400°F (200°C). Line a large baking sheet with parchment paper or silpat.

4. Add the onions, carrots, cooked lentils, 1/2 cup of the rolled oats, garlic, lemon juice and olive oil to a food processor. Season with paprika, cumin, salt and black pepper. Pulse 15 to 20 times, or until the mixture is chunky and all ingredients are well incorporated, stopping to scrape down the sides halfway through pulsing.

5. Transfer the mixture to a large mixing bowl, and add the reserved 1/2 cup rolled oats, chives, and cilantro. Use a spoon to mix well, ensuring all ingredients are evenly dispersed. The mixture should be damp but able to hold its shape. If not, add more oats.

6. Use a 1/3-cup measuring cup to scoop out 1/3 cup of the mixture. Form the mixture into patties, and transfer to the lined baking sheet. Repeat with the remaining mixture. You should have 15-18 patties.

7. Bake the patties for 23 to 25 minutes, or until golden-brown.

8. Remove from the oven and cool a few minutes on the pan before moving. They'll continue to firm up as they cool.

9. For the garlic-herb tahini sauce: add all ingredients to a food processor and process until emulsified and the sauce just begins to take on a soft green color. The herbs should be very finely chopped. Transfer to an airtight jar or container and refrigerate until ready to serve.

10. Enjoy the patties warm with a side of salad or tucked into a warm pita bread, and drizzle with the tahini sauce.

# Matthew James



Bosta jiftakru lil Matthew James bħala l-frontman tal-band Red Electrick. Kienet il-muża mużikali tiegħu li welldet kanzunetti popolari Maltin bħal "Paul", "Young Again", u "Who the heck is Rek." Li ħafna forsi ma jafux hu li l-karriera mużikali ta' dan il-kantawtur u mużiċist ta' bosta strumenti, bdiet meta ta' sena kien diġà jiffaxxina ruħu jistorbja d-dar billi jħabbat b'ċertu ritmu u sens fuq il-keyboard li kellu missieru!

Wara tnax-il sena jistudja l-vjolin, huwa beda jesperimenta bil-vuċi kif ukoll b'bosta strumenti oħra. Dan kollu kien jagħmlu bejn il-lectures tal-università minn fejn iggradwa fil-komunikazzjoni. Matul il-karriera mużikali tiegħu, huwa vvjaġġa f'bosta pajjiżi ewropej fejn flimkien ma' bands popolari huwa ħa sehem f'kunċerti u festivals.

Dan l-aħħar, huwa kompla b'diversi proġetti fosthom ħruġ ta' diski ġodda bħal "Lemonade", "Magazine", "High", u r-riċenti "Road Trip".

B'mod regolari huwa jieħu sehem f'kunċerti live bħal Beerfest u Wine Festivals, kif ukoll f'ċelebrazzjonijiet oħra. Huwa jikkomponi ukoll music scores għal films u teleserials popolari Maltin bħal "Elf Metodu". Xi ħaġa li dan l-aħħar tassew tagħtu sodisfazzjon hija l-produzzjoni ta' backing tracks biex ikantaw magħhom il-parteċipanti tal-programm popolari X-Factor. Hawn mhux biss ħadem ma' producers kbar imma wkoll kellu l-opportunità jiltaqa' mat-talent mużikali li hu frisk u ġdid.

Għal Matthew James, il-mużika hija bħal nifs li jagħti l-ħajja f'kull ċirkostanza. Matul il-jum, ikun x'ikun li qed jagħmel, ma jiqafx jisma' l-mużika. Wara ġurnata xogħol fid-dinja tal-mużika, jerġa' jħaddanha fil-ħin tal-mistrieħ. Jgħid li l-mużika tagħtih l-enerġija pożittiva li jkollu bżonn.

Fl-aħħarnett, kont taf li missier Matthew James huwa Godwin Borg li kien jaħdem fil-Ministerial Procurement Unit ta' dan il-Ministeru u li rtira din is-sena wara tnejn u erbgħin sena jaħdem f'dan l-istess ministeru? Tajjeb ngħidu wkoll li omm dan il-kantawtur, Marthese neè Mifsud, kienet ukoll impjegata fis-Sezzjoni tal-Pensjonijiet fit-Taqsima tal-Amministrazzjoni f'dan il-Ministeru. Kien għalhekk li l-board editorjali ħass li kien f'waqtu li jippubblika dan it-tagħrif.



# Kreattività

**Tonio Bonello**
Ġurnalist

Fir-raħal ċkejken iżda daqstant ieħor ħelu tal-Qala fil-gżira sabiħa t'Għawdex, madwar għoxrin sena ilu sirt naf lil ċertu Anġlu Buttigieg. Raġel bieżel, umli, bi ftit skola iżda li Alla għoġbu jżejnu b'għarfien ta' kreattività kbira interna.

Anġlu, Għawdxi pur ġej minn familja mill-aktar sempliċi, maż-żmien kabbar familja twajba għalih, u l-istess martu u wliedu huma xempju ta' dawn il-karatteristiċi llum qajla komuni. Inzerta li mart Anġlu jisimha Anġela u allura meta nkun bil-ħsieb li nżuruhom, fid-dar aħna ngħidu; "Meta sejrin għand l-Anġli?"

Maż-żmien din il-koppja ġiet estiża għaliex aktar tard, wara li l-Anġli ngħaqdu fis-sagrament taż-żwieġ, dawn kellhom iben u bint, Charles u Sonya. Il-bint illum miżżewġa u għandhom tlett itfal waqt li l-iben dejjem ħass fih vokazzjoni reliġjuża ssejjaħlu, u sar Qassis.

Interessanti, komuni fil-personalità ta' Fr.Charles li, eżatt fuq il-passi ta' missieru, minkejja li dan għandu għarfien u skola kbira, iżda l-umiltà u s-sempliċità fih jispikkaw. Dan anke jekk hu kompla bl-istudji tiegħu barra minn xtutna u gradwa f'oqsma diversi tal-fidi nisranija bl-ogħla unuri.



*ikompli fil-paġna li jmiss*

Is-suġġett illum iżda hu Anġlu. Illum jgħodd ftit aktar minn 70 sena. Naqqas ħafna miż-żjarat tiegħu fl-għelieqi li huma kellhom fil-madwar fejn jgħixu. Iżda ma waqafx hemm. Il-ħin twil li kien jgħaddi fl-għelieqi llum qed jużah b'tant għaqal fit-teknoloġija.

Ftit tas-snin ilu tal-familja xtrawlu laptop computer u Anġlu, anke jekk diġà mimli bl-għomor, ma qatax qalbu. Illum erħilu jfittex siti li fihom anzjani oħra minn madwar id-dinja b'ħiliet diversi juru x'jafu u x'kapaċi joħolqu bit-talent/i li Alla tahom.

Anġlu ilu snin, mis-silenzju tal-garaxx tiegħu li għandu mad-dar jibni parts għal karozzi li jkun jinħtieġ hu jew familjari tiegħu, flok ma dawn jaqbdu u jixtruhom, jekk stess isibu! L-istess fejn jidħlu tiswijiet li jkunu meħtieġa fid-dar. Anġlu bħal donnu għandu soluzzjoni għal kollox.

Mhux biss. Anġlu għandu d-don li joħloq u jibni l-għodod hu stess. Saħansitra għodod oriġinali u uniċi li fis-suq ma ssibhomx. Għodod skont il-ħtieġa u l-bżonn tiegħu biex ikun jista' jaħdem ċertu xogħol partikolari b'aktar effiċjenza u b'anqas tbatija.

Bħal Anġlu hawn oħrajn li kif jgħid il-Malti, "M'għandhomx kwiet f'ġisimhom" u erħilhom joħolqu, jikkrejaw u jieħdu inizjattivi ġodda b'idejhom. Ftit taż-żmien ilu, ex-pulizija li serva fil-Korp b'servizz sħiħ, ukoll kien spiċċa fl-aħbarijiet wara li minn diversi materjal riċiklat kien irnexxielu joħloq rota li jista' jivjaġġa biha, kemm fuq l-art, però wkoll fil-baħar.

Spiċċa ż-żmien fejn għal kull ħaġa li noħolmu ngħidu "Żinnn..." Illum xejn m'għadu impossibbli. Dak li kapaċi jagħti l-ħajja l-bniedem permezz ta' ħsibijietu, aktarx, jekk mhux mija fil-mija, jista' jsir realtà.

Għadda wkoll iż-żmien fejn konna naħsbu u nassumu li l-imħuħ f'din id-dinja jinsabu biss fl-Amerika u fil-Ġappun. Biżżejjed insemmi li fil-kamp mediku, bosta skoperti fl-Ingilterra u fl-Istati Uniti tal-Amerika huma dovuti għall-imħuħ bravi ta' Maltin u Għawdxin bħalna!

Ikun tajjeb li bħal dawn l-eżempji li semmejt, l-anzjan Malti u Għawdxi jibqa' ħaj f'dak li hu jħoss li kapaċi jagħmel, jivvinta, joħloq, jikkreja u aktar. Fl-aħħar mill-aħħar studji juru li wara kollox, dawn huma dawk l-elementi fundamentali li jħallu lil bniedem bogħod minn ċerti kundizzjonijiet ta' saħħa xejn sbieħ, fosthom id-dimensja.

Importanti li aħna bħala soċjetà nibqgħu nagħtu dawk l-ispazji u r-riżorsi xierqa lill-ġenerazzjoni anzjana tagħna biex din tkompli tinfetaħ, tesplora u tikber f'aktar diversità ta' tagħlim u kreattività. Mhux biss għal dawk ta' madwarhom. Fuq kollox għad-dinjità tagħhom stess!



Tassew, l-eżempju tal-ħabib tiegħi Anġlu u ta' tant oħrajn li nsibu f'dawn il-gżejjer huma xhieda ta' kif tista' tkun anzjanità attiva fl-aqwa tagħha. Prosit ilkoll intkom l-anzjani, li mhux biss għamiltu dak kollu li stajtu għalina u għal pajjiżna fil-passat, iżda għadkom sal-lum tagħmlu dan, forsi b'mezzi u stil ta' ħajja kompletament differenti.

Prosit ilkoll.

# Becoming a conscious consumer




In the world of consumerism, we vote with our money, but are we voting for companies who defend the environment, or are we voting for companies who destroy the environment? Many times we are buying (voting) from companies who do not match our ethics and values.

Becoming a conscious consumer means being careful what you buy. Asking yourself questions such as: Who made it? Where does it come from? What was used to make it? How did it arrive here? Asking ourselves these questions and acting according to our conscience makes us a conscious consumer.

Essentially, conscious consumerism focuses on making responsible decisions throughout the buying process with the intention of positively impacting society at large. The aim is to choose to purchase products that are good for people and planet.

There are several factors involved in conscious consumerism and doing your own research can be time-consuming and often confusing. Labels such as 'Eco-friendly', 'Fair-Trade', 'Cruelty-free', and 'Certified Organic' make our choice easier. These labels ensure, for instance, that the chain of supply and the sourcing of raw materials are ethical and environmentally sustainable, that the workers are paid decently and work in humane working conditions, that there is no child labour or animal cruelty involved, and that no harmful chemicals and toxins were used.

Here are some relatively simple factors to consider for purchasing responsibly and minimizing your environmental footprint:

- Avoid single use plastic – take your own bag and container when shopping
- Carry your own re-fillable water bottle
- Walk, cycle or take the bus for short distances
- Buy second-hand clothing
- Reduce your meat consumption or better eliminate meat completely
- Choose plant-based alternatives to dairy
- Buy energy-efficient appliances
- Grow your own food at home
- Ideally always chose a locally-produced product

There is a rule, however, that comes before choosing to buy something. It is deciding if you really need it in the first place. Living sustainably is first and foremost living minimalistic. We are all the time surrounded with advertisement from TV, radio, newspapers, magazines, billboards, the internet; screaming to us on a daily basis that we need to buy something.

As a result, we work hard long hours so that we can spend money on things that we do not really need, or in any case do not bring us the happiness that we are seeking; for we should know by now, that happiness cannot be bought at a store. Living with only essentials things provides the benefits of tidiness, ease of cleaning and clarity; giving us the chance to think about what really makes us happy.

Zen D'Amato Gautam is the Founder of Eco Market Malta, a Social Enterprise aimed at promoting Environmental Sustainability through Conscious Consumerism. Eco Market Malta is a regular event held in different locations around Malta. For more information please visit www.ecomarketmalta.com. Subscribe to their newsletter and receive instantly the guide: 150 tips to lead a more sustainable lifestyle.

# Word Search

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S | T | A | R | F | I | S | H | E | S | N | A | K | E | S |
| S | A | K | R | O | C | C | O | O | N | T | O | A | D | C |
| G | C | O | Y | O | T | E | E | G | C | R | A | B | J | R |
| N | A | A | S | E | P | W | F | O | B | I | L | F | A | O |
| A | L | L | I | G | A | T | O | R | D | M | I | L | J | C |
| N | R | A | T | I | N | A | X | I | E | K | R | C | I | O |
| T | S | T | A | R | D | J | A | L | E | O | P | A | R | D |
| E | N | M | B | A | A | W | A | L | R | U | S | M | A | I |
| L | I | O | N | F | L | O | X | A | T | I | G | E | R | L |
| O | A | L | Q | F | W | L | A | L | I | G | H | L | A | E |
| P | D | E | D | E | B | F | I | E | T | T | I | S | E | L |
| E | O | W | L | J | E | L | L | Y | F | I | S | H | G | K |
| H | E | L | I | Z | A | R | D | F | R | O | G | A | K | J |
| A | O | T | T | E | R | V | A | V | Z | E | B | R | A | U |
| E | L | E | P | H | A | N | T | O | M | O | N | K | E | Y |

ALLIGATOR, ANTELOPE, BAT, BEAR, CAMEL, COYOTE, CRAB, CROCODILE, DEER, ELEPHANT. ELK, FOX, FROG, GIRAFFE, GORILLA, JELLYFISH, KOALA, LEOPARD, LION, LIZARD, MOLE, MONKEY, OTTER, OWL, OX, PANDA, RAT, ROCCOON, SHARK, SNAKE, STARFISH, TIGER, TOAD, WALRUS, WOLF, ZEBRA.



Q: What happens to a frog's car when it breaks down?
A: It gets toad away.

Q: What did the duck say when he bought lipstick?
A: "Put it on my bill."

Q: Can a kangaroo jump higher than the Empire State Building?
A: Of course. The Empire State Building can't jump.

Q: Why couldn't the leopard play hide and seek?
A: Because he was always spotted.

Q: Why did the fish blush?
A: Because it saw the ocean's bottom.

Q: Why do the French eat snails?
A: They don't like fast food.

# Sudoku

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | 9 | | 6 |
| 7 | 8 | | 6 | 5 | | | | |
| 6 | | 2 | | 4 | 3 | | | |
| | 4 | | | 3 | | | | 2 |
| | | 3 | | 1 | | 6 | | |
| 9 | | | | 6 | | | 1 | |
| | | | 4 | 9 | | 2 | | 7 |
| | | | | 2 | 1 | | 5 | 8 |
| 2 | | 4 | | | | | | |